**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 71 / 2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur John Spiteri**

**Spettur Josef Gauci**

**Vs**

**Richard Attard**

Illum, 20 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Richard Attard, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex nhar l-14 ta' Novembru 1959, iben Joseph u Speranza xebba Galea, residenti fil-fond Ta' Maruzz, Triq il-Firilla, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 64659 (G) ;, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli f' dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa l-bandli tal-lokalita' tax-Xewkija, fi Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, nhar it-3 ta' Novembru, 2019 f' xi hin bejn 1-10:15hrs u 11:15hrs b' ghemil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' lil *Omissis* ID: 311106L;

Art 203 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' *Omissis* ID: 311106L u cioe' fuq persuna taht l-eta'

u specifikament li l-vittma *Omissis* hija persuna vulnerabbli stante li hija persuna ta' taht il hmistax-il sena;

Art 207, Art 202 (k) Art 208AC 2 (a) , ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-allegata vittma *Omissis* ID: 311106L u l familjari taghha;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (a fol. 90 u 91) datata 16 ta' Gunju 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat Richard Attard biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 207, 202 (k) , 208AC (2) (a) , u 209 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (4) fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Il-Qorti rrakomandat li l-Korp tal-Pulizija jkompli jahdem mal-Kummissarju ghas-Sahha Mentali Dr. John Cachia sabiex jithejja dokument imsemmi iktar l' fuq tan-Nottinghamshire Police – Dealing with Persons with Mental Health (Consolidated Procedures) biex ikun hemm protokolli cari meta l-forzi tal-Ordni jkunu qedghin jitrattaw ma persuna bi sfidi fil-qasam tas-sahha mentali, li f' dan il-kaz kien hemm nuqqas meta dak li sa dak il-hin kien suspettat ma kienx qieghed jifhem sew id-drittijiet tieghu tant li l-kunstistabbli li hejja r-rapport nizzel li spjegawlu d-drittijiet tieghu ghal aktar minn darba u meta rrizulta li l-imputat kellu incident ghoxrin sena qabel li rrizulta f' dizabilita' tant li l-Psikjatra Grech wissa ghal kawtela kif il-kaz ikun trattat.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi trasmessa minnufih lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali.

Finalment il-Qorti ordnat divjet fuq isem il-minuri u fuq isem il-genituri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnhu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi:

1. **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn illiberat lil Richard Attard mill-ewwel (1) imputazzjoni;
2. **THASSARHA U TIRREVOKHA** fil-parti fejn illiberat lil Richard Attard mit-tieni imputazzjoni, u minflok issibu hati ta' din l-imputazzjoni u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi fit-8 ta' Jannar 2021, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi, u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legalment u ragonevolment tillibera lill-appellat mit-tieni imputazzjoni, u dan peress li, fl-umli fehma tal-esponent, il-fatti pertinenti ta' dan il-kaz jikkostitwixxu l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali;

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jirrileva li mhuwiex qieghed jinterponi dan l-umli rikors ta' appell fir-rigward tal-liberatorja mill-ewwel imputazzjoni fir-rigward tar-reat kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali;

**<u>Att ta' natura sesswali minghajr kunsens - Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali</u>**

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li tikkoncerna r-reat kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, *ossia* dak ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens, il-Qorti tal-Magistrati, mhux talli lliberat lill-appellat minn din l-imputazzjoni, talli l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi li hija ghamlet kienet interpretazzjoni u applikazzjoni ta' ligi li tikkontempla reat li l-appellat ma' giex akkuzat li wettaq. In fatti, il-Qorti tal-Magistrati interpretat u applikat l-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali[1], liema artikolu jikkontempla r-reat ta' partecipazzjoni f' attivitajiet sesswali ma' persuni taht is-sittax-il sena, liema reat ma' giex addebitat lill-appellat f' dan il-kaz;

Illi *in oltre*, il-gurisprudenza li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghaliha fis-sentenza taghha *ossia* s-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Raisa Mangion</u>** tittratta dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 204C, u mhux dak kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali;

Illi *di più*, id-definizzjoni tal-kelma ' sesswali' fl-artikolu 208E (4) tal-Kodici Kriminali, li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghaliha fis-sentenza taghha, hija definizzjoni li tapplika specifikament ghall-interpretazzjoni tar-reat kontemplat fl-artikolu 208E u mhux ghal dak ir-reat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali;

Illi *in vista* tas-suespost, l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti ma kienx wiehed korrett ghax il-fatti pertinenti ta' dan il-kaz ma gewx analizzati fid-dawl ta'

---

[1] *Vide* pagna 37-38 tas-sentenza.

dak li jiddisponi l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali imma fir-rigward ta' dispozizzjoni ta' ligi li tikkontempla reat li l-appellat ma giex mixli bih;

Illi l-esponent huwa tal-fehma li tista' tinstab htija tat-tieni imputazzjoni kemm ragonevolment u anki legalment u dan wara li jsir ezami approfondit tal-fatti tal-kaz fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, ezercizzju li l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel minhabba r-ragunijiet hawn fuq elenkati;

Illi l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali jaqra kif gej:

> *Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad.*

Illi qabel l-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018, dan l-artikolu kien jaqra kif gej:

> *"Kull min jinsab hati ta' attentat vjolent ghall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi permezz tal-emendi tal-2018 il-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment ghal posizzjoni legali fil-ligi Brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma jammonta ghal reita'.[2] Jinghad madanakollu illi l-gurisprudenza, mal-medda taz-zmien, xorta wahda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma;

Illi qabel l-emendi tal-2018, ir-reat tal-attenat vjolenti ghall-pudur jew oltragg vjolenti ghall-pudur kien deskritt bhala reat li jikkonsisti minn 'attijiet impudici' li jigu

---

[2] *Vide* is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Oglive Grima* tat-30 ta' Settembru 2020 (Appell numru 214/2019) .

kommessi fuq persuna ohra kontra l-volontà taghha u li permezz taghhom jigi oltraggat il-pudur tal-vittma[3];

Illi permezz tal-emendi tal-2018, il-kliem ' attentat vjolenti ghall-pudur' gew sostitwiti bil-kliem 'att ta' natura sesswali minghajr kunsens' sabiex b' hekk issa l-element materjali tar-reat kontemplat fl-artikolu 207 irid jikkonsisti f' att ta' natura sesswali, li kif inghad iktar ' il fuq, irid ikun sar minghajr il-kunsens tal-vittma;

Illi l-ligi ma toffrix definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali *ossia* l-att ta' natura sesswali, u ghalhekk dak li jista' jikkostitwixxi l-att materjali ta' dan ir-reat jithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika. Madanakollu, l-artikolu 207 jispecifika li l-att materjali m' ghandux jikkostitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat imsemmija fl-artikoli 198-206 tal-Kodici Kriminali, u ghaldaqstant, jekk att fih innifsu ma jikkostitwix wiehed mid-delitti msemmija fl-artikoli 198-206 tal-Kodici Kriminali, dak l-att jista' jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 207 jekk jigi kkunsidrat bhala 'att ta' natura sesswali' ;

Illi kif digà inghad, il-ligi ma tatix definizzjoni ta' 'att ta' natura sesswali' biss però, dan l-att, li jkun sar minghajr il-kunsens tal-vittma, ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, u ghandhom jigu kkunsidrati diversi fatturi, inkluz, izda mhux biss, l-età tal-vittma u tal-akkuzat u l-lok fejn jitwettaq ir-reat sabiex wiehed jiddetermina jekk dak l-att jammontax ghal wiehed ta' natura sesswali;

Illi fil-kaz in ezami, il-minuri tirrakkonta kif l-appellat beda jghajjtilha waqt li hi kienet qeghda titbandal u marret hdejh ghax hasbet li kellu bzonn xi haga. L-appellat saqsiha jekk jistghux jidhlu fit-toilets tan-nisa u hi hekk ghamlet ghax sa dak il-hin ma hasbet xejn hazin. Madanakollu, meta dahhlu fit-toilets tan-nisa, l-appellat beda jghannaqha, ibusilha ghonqha u jmissilha l-warrani. Imbghad l-appellat saqsiha jekk jistax ibusha u hi qaltlu le, u telqet ' il barra minn got-toilets sabiex tghid lill-ommha x' kien garalha;

Illi fl-umli fehma tal-esponent, il-fatti kif irrakkontati mill-minuri jammontaw ghall-att ta' 'natura sesswali minghajr kunsens'. Dan qieghed jinghad peress li dan il-kaz si tratta dwar tokkament fuq il-warrani ta' minuri minn persuna ferm ikbar minnha,

[3] *Vide* is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Gerald Cassar* nhar it-18 ta' Lulju 1959.

liema tokkament sar f' kuntest sesswali. In fatti, it-tokkament fuq il-warrani kien precedut minn tghanniq u bews fuq ghonq il-minuri. L-inkontru bejn l-appellat u l-minuri sar wara stedina mill-appellat biex il-minuri tmur fit-toilets tan-nisa mieghu, minflok jibqghu barra fl-apert, sabiex b' hekk jaghtu inqas fil-ghajn. Dawn il-fatti juru bic-car li l-intenzjoni tal-appellat kienet il-gratifikazzjoni sesswali tieghu, li kompliet timmanifesta ruhha meta wrieha x-xewqa li jrid ibusha, u juru wkoll li hu kien ben konxju tal-fatt li dak li ried jaghmel mal-minuri kien indicenti tant li stedinha biex imorru fit-toilets minflok jibqghu fl-apert hdejn il-bandli;

Illi l-fatt li l-minuri minn jeddha ddecidiet li tmur mieghu fit-toilets tan-nisa, u l-fatt li l-appellat ma kienx fizikament vjolenti maghha meta beda jbusha u jmissha, ma jfissirx li l-minuri kienet qeghda taghti l-kunsens taghha biex l-appellat ibusha, jghannaqha u jmissilha l-warrani, tant hu hekk li l-minuri tghid li sal-mument li hu qallha biex imorru fit-toilets, ma hasbet xejn hazin fih, però meta saqsiha biex ibusha, hi rrifjutat u telqet minn hdejh u marret tghid lill-ommha b' dak li kien gralha;

Illi dwar in-nuqqas ta' volonta tal-minuri ghal dawn l-atti impudici, anki jekk ghal grazzja tal-argument il-minuri ma wrietx bl-ahjar mod li setghet jew b' mod tempestiv li hi ma riditx tkun soggetta ghal dawn l-atti, wiehed irid izomm f' mohhu li l-minuri kien ghad kellha biss tlettax-il sena meta l-appellat beda jghannaqha, ibusilha ghonqha u jmissilha l-warrani, u li kollox gara ghall-gharrieda u b' hasda ghall-minuri. In fatti, l-minuri ma kinitx qeghda tistenna dan il-komportament min-naha tal-appellat tant li sal-mument li hu qallha biex imorru fit-toilets, ma hasbet xejn hazin fih;

Illi *in vista* tas-suespost, l-esponent jikkonkludi li l-atti kommessi mill-appellat - it-tghanniq, il-bews fuq l-ghonq, u t-tokkament fuq il-warrani minn fuq il-hwejjeg – saru minghajr il-kunsens tal-minuri u huma atti impudici u ta' natura sesswali, u li mhijiex xi haga xierqa li persuna, f' dan il-kaz persuna femminili u ta' età tenera hafna, tigi sottoposta ghall-att sesswali u passjonali bhal dak fil-kaz in ezami. Ghaldaqstant, l-esponent ihoss li l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni *ossia* dak ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-eduta tal-21 ta Mejju 2021.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-Avukat Generali b'aggravvju wiehed marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni akkuza u dan ghaliex fil-fehma tal-Avukat Generali l-ewwel Qorti ghamet zball fis-sentenza taghha billi ghamlet referenza ghall-artikolu 204C meta l-akkuzat kien akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 207 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] :-

> "assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.[4]"

Illi ghalhekk, *"kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi[5].* (Ara. App. Krim. **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[6]; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**[7]; **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** [8] u ohrajn).

Illi fil-kaz in desamina l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu dejjem limitatament ghar-rigward it-tieni akkuza fejn illiberat lill-appellant isostni li l-ewwel

---

[4] Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392
[5] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-11 ta Lulju, 1994
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Mejju 2002

Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni ta' ligi li tikkontempla reat li l-appellant ma giex akkuzat li wettaq. Dan ghaliex l-ewwel Qorti intepretat u applikat l-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali[9] liema artikolu jikkontempla r-reat ta' participazzjoni f'attivitajiet sesswali ma persuni taht is-sittax-il sena, liema reat ma giex addebitat lill-appellant f'dan il-kaz. In olte l-gurisprudenza li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghaliha u cioe il-Pulizija vs Raisa Mangion ittratta ir-reat kontemplat fl-artikolu 204 C u mhux dak ta 207 tal-Kodici Kriminali.

In oltre jidher li l-ewwl Qorti hadet zball iehor fis-sens li hija ghamlet referenza fis-sentenza ghad-definizzjoni tal-kelma 'sesswali' fl-artikolu 208E (4) tal-kap 9 meta dik id-definizzjoni tapplika specifikament ghall-interpretazzjoni tar-reat kontemplat fl-artikolu 208E u mhux dak kontemplat fl-artikolu 207.

Illi ghakhekk sta ghal din il-Qorti issa sabiex taghmel apprezzament tal-provi migbura mill-partijiet u tanallizza l-istess fid-dawl ta' dak li jikkontempla l-artikolu 207 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Ikkunsidrat.

Nhar is-7 ta' Novembru, 2019 xehed l-**Ispettur John Spiteri**[10] u dan stqarr li fit-3 ta Novembru, 2019 kien qieghed l-ghassa gewwa l-vice Squad u gie mgharraf mill-ispettur Josef Gauci ili kein dahal rapport ta algat abbuz sesswali liema abbuz sesswali allegatament kien sehh aktar kmieni dik il-gurnat aghall-habta tal-11.00a.m . F'dan ir-rapport kienu involuti Richard Attard l-akkzuat appellat odjern kif ukoll il-minuri *Omissis* li kien ghad kellha tlettax-il sena .

Jispjega li dakinhar stess huwa kien tkellem mal-minuri fil-preenza tal-genituri taghha. Din kkonfermat li kienet hdejn il-bandli fi Triq tal Hamrija, Xewkija Ghawdex u dan flimkien mal-familja taghha peress li kienet hemm ghal i tournament tal-football tan Naxxar ejn jilghab huha stess. Ommha u missierha kienu qed jaraw lil huha jilghab l-futball fi gownd li jinsab biswit ta fej gara l-akkadut. Tghid li kienet qed titbandal fuq bandla met l-appelat ghajtilha u ghamillha sinjal abeix tavvincinah. Hija hekk ghamlet u dahlet gewwa it-toilet li kienu jinsabu vicin u dahal warajha biex

---

[9] Vide pagna 37-38 tas-sentnza appellate
[10] Fol. 30 ta' l-atti

ighannaqha,. Dan biesha fuq ghonqa u qabdilha ilwarrani taghha. Qal li dak il-hin ixxokjat ruhha ghaliex ma kienti qed tistenna li jsiru dawn l-affarijiet u harbet u harget tigri ‘l barra tghid l-ommha dak li kien garalha. Ommha kienet ftit metri ‘l boghod min fejn kienet hi .

Huwa tkellem ukoll ma omm l-inuri u din qaltlu li kienet avvicinat lill-appellat u staqseitu ghaliex kien ghamel hekk u kien hemm xi ftit ta kommissjoni waqra dan l-incident. Tant li ommha qaltlu li kienet anke imbuttat lill-appellat fuq bank u dan wegibha ‘tmisnix’ qallha li kien disabled. Qaltlu ukoll li kienet cemplet lill-pulizija u fi-11.15°.m. gie arrestat minn fuq il-post mill-pulizija .

Gie spjegat lilu is-erjeta ta dak li ghamel u jekk ridx ikun assistit minn avuakt u dan irrinunzja tali asistenza legali. Huwa gharaf l-itqaarrija tal-appellat esebita fl-atti a fol. 13 sa 16. Waqt dn l-istqarrija kein ammetta dawn l-affarijeit li kienet qaltlu bihom l-minuri u ghalhekk tressaq il-Qorti

Mistoqsi in kontro esami jekk waqt l-interrogatorju jekk l-appellat qalilhom xli hwu apesuna ‘disabled’ jghid li ma keinx hemm waqt li giet mehuda l-istqarrija. Ghaliha l-komportamnt tieghu deher normali u ma dehrx li kellu problemi mentali. Jghid li kien izapap u l-appelat qallu i kellu incident . Qal ukoll i infurmawh li seta jinforma lill tal familja izda ma riedx ghaiex ma ridx johloqilhom inkwiet. Mistoqsi ghal min kien qed jirreferi jghid li ghalhuh.

Qal ukoll nahr is-7 ta Novembru, 2019[11] li meta mar fuq il-psot flimkien ma PS 676 kein ra li kien hemm CCTV fuq it-toilet u kien halih hemm fuq il-post ighamel l-inveigazzjoni ubil-ghan li igib ilfilmat meighu waqtli huwa mar lura l-ghassa. Huwa imbagahd beda jinterroga lilll-appellat u dak il-hin kien gie infurmat li l-camera hija biss dummy u ma hemmx recording. Qal liwaqt l-investigazzjoni kien ghalhekk li qal lill-appellat li kien hemm ir-recording u dan ghaleix ghall-ewwel l-appellat kein inega li kien dahal fit-toilet

L-**ispettur Josef Gauci** xehed nhar is-7 ta Novembru 2019[12] u kkonferma li ghall-habta tal-11.30 a.m tat-3 ta Novembru 2019 kien gie infurmat mis-Supretendent Maurice

[11] Fol. 39
[12] Fol. 35 ta l-atti

Curmi li kien hemm xi rapporti l-ghasa tar-Raabat ta Gahwdex fejn allegtament kin hemm xi abbuz sesswali fuq minuri. Huwa dak il-hin kienqeighed fuq bicca xoghol ohra izda wara mar l-ghassa u iltaqa' ma PC 75 Kevn saliba li kien ha dan ir-rapport. Irriulta li l-allegata vitma hija *Omissis* li kellha tlettax-il sena u detentrici tal-karta ta identita numru 311106L u li r-rapport sar mill-genituri *Omissis*. Kien gie infurmat l il-allegat aggssur kien gja gie arrestat minn fuq il-post u cioe minn hdejn il-bandli tax-Xewkija.

Huwa tkellem mal-minuri fil-presenza ta ommha go kamra u fil-presenza ta PC 75. Kienu it-tnejn imbikmin u l-minuri spejgatlu dakli kien allegatament gara. Din qaltli li kienet il-bandli tax-Xewkija titbandal u li mar persuna fuqha u ghatilha u di imbagahd dahlet fit-toilet mal-allegat aggresurl-appelat u beda jghannaqha, ibusha fuq ghonqa u anke nizzel idejh minn wara u mess i-warrani taghha kif gie spejgt lilu mill-minuri Hua informa lil tal vice suqad l-sipettur Ohn Spiteri sabeix ikomplu bl-investigazzjoni.

Huwa gharaf l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat fil-presenza tieghu u ta' l-ispettur John Spiteri.

In kontro esami mistoqsi jekk fuq il-post kienx hemm CCTV's jghid li kien baghat lil PS 676 sabiex jiverifika u dan qallu li ma kienx hemm.

L-minuri ***Omissis*** xehdet nhar it-28 ta Novembru 2019.[13] Stqarret li kinet il-bandli tax-Xewkija Ghawdex ghax huha kellu loghba futnball u marru jarawh u dan kein fit-3 ta Novembru 2019 ghall-habta tal-11.0a.m. Tgjhid li kienet qed titbandal u kien hemm ragel li beda ighajtilha u hasbet li kellu bzonn l-ghajnuna u ghalhekk marret. Hija iddiskriviet dan ir-ragel bhala ragl xih b'xagrhu griz, imgerfex u kien libes kappell blu. Qalet li staqsiha jek keintix alright u qaltli li kient tajba . Wara qallha jekk sestghxu jidhlu fit-toilet tan-nisa u hija ma hsebet xejn hazin fih dak il-hin. Dahelt u ghannaqha u beda ibusilha ghonqa, imbaghad idejgh bdew nezlin jlejn il-warrani taghha. Wara staqsiha jekk setax ibusha u qaltlu le u telqet tigri 'l barra.

[13] Fol. 49 ta l-atti processwali

Tghid li marret tghix lill-ommha dak li kien gara u hija minnufih imbuttat gha dik kienet ir-reazzjoni taghha. Mistqosi ejkk harabx jigri tghid li le . Baqa' hemm hekk Mistoqsi jekk dahhalx idejgh tghid li le u kient ghadha bil-hwejjeg. Ghalhekk dak li gara gara minn fuq il-hwejjeg. Tghid li ma kienx vjolenti lejha.

Qaletl i meta ommu konforntatu dan qal li ma kein ghamel xejn u beda iqum minn fuq il-bank u ommha bdiet timbutah l-isfel u hejerga jinzeel fuq il-bank. Dak il-hin qaltilha biex tieqaf ghaliex hasbet li kienet ser tweggghu. Tghid li missierha cempel lill-pulizija u ftit wara waslu fuq il-post . Mistoqsija in kontro esami jekk dan ir-ragel kienx aggssiv ma ommha tghid li le. Mistoqsija jekk meta qaltlu li ma tridx bews minghandu jekk ippruvax izommha biex ma titlaqx tghid li le. Nurija persuna fl-awla minn fuq il-camera tghid li dik kieent il-persuna li kien involut f'dan l-incident.

**Omissis** xehdet nhar id-9 ta Jananr 2020[14] spejgat li tigi omm *Omissis* u bejn it-2 u 3 ta Novembru 2019 binha kellu tournament tal-futball Ghawdex u l-Hdd 3 ta Noembru 2019 telghu jarawh jilghab. Kienu bosta familji u maghha kellha lil bintha ta tlettax-il sena *Omissis*. Waqt li kienu qed jaraw il-futbal bintha *Omissis* kienet qeda fuq il-bandli flimkien ma zewgt itfal izghar minnha, F'hin minnhom marret tghajjat lit-tifel li kien qed jilghab fq xi gebel biex joqghod attent biex ma jweggax u dak il-hin marrt fuqha it-tifla u qaltilha " *ma dak ir-ragel li hemm wara l-kamra, qed tarah?*" Qaltilha "*Iva*". Wara qaltilha li dahhalha fil-kamra tal-banj u, fit-toilet u bda ibusilha ghonqa u beda imisilha 'il-patata'. Tghid li dak il-hin irrabjat hafna u marret fuqu u qaltlu " *x'ghamiltilha, x'ghamiltilha*" u dan beda jitla bil-wieqfa fuq il-bank u jigi wicc imb wicc maghha u jghidilha " *jien m'ghamiltilha xejn, jien m'ghamiltilha xejn*.' Imbaghad beda jghidilha li huwamhux inkapacitat u m'ghamlilha xejn. Ftit wara ta maghha indunaw li kien gara xi haga u marru hdejha biex jaraw x'kien gara u mar ukoll zewghha u bdew ighidu beix icceempel lill-pulizija u hekk ghamel zewghha.

Ftit wara walu l-pulizja u haduh maghha minn fu qil-post . Huma marru l-ghassa tal-pulzija tar Rabat u waslet skadra tal-pulizija minn Malta biex ikelmuhom. Anke waslu xi rappresentanti tal Appogg bei xikelmu lit-tifla. Hija gharfet lill-appellat bhala l-itsss pesuna li kien fuq il-post tal-incident li kien gie indiakt lilha minn bintha

[14] Fol. 68 tal-atti processswali

In kontro esami tghid li l-appelaltfl-ebda hin ma pprova jitlaq minn fuq il-post. Fil-fatt tghid li kwazi kwazi kien jdiher ftit *'relaxed'*.

**Omissis** missier *Omissis* xehed nhar id-9 ta' Jannar 2020 u kkonfemra li kien ghamel rapport flimkien ma martu nhar it-3 t Novembru, 2019. Qal li kienhdejn il klabb tal-bocci ix Xewkija u bintu kienet qed tilghab ma xi tfal ohra fuq l-bandli. F'hin minnhom sema li martu tghajajt wisa ma persuna kienet ftit il-boghod minnu u mar jigri jara x'kien gara u dak il-hin spjegatlu x'kien gara u f'qasir zmein cempel lill-pulizija. Martu qaltlu li r-ragel li keinhemm li gharaf przenti fl-awla kein ta fastidju lit-tifla taghhom . In kontro esami jghid li kienhu li qal lill-appellat bix ma jitlaqx minn fuq il-post u hemm baqa; sakemm waslu l-pulizija.

**PS 676 Edon Spiteri** xehed nhar id-9 ta Jananr 2020[15] jghid li nahr it-3 ta Novembru 2019 kien gie infurmat mill-ispettur Josef Gauci biex jassisti lill-ispettur John Spiteri fuq rapport ta 'abbuz fuq minorenni. Qal li minn fuq il-post fi Triq il Hamrija kienu gabru lill-appellat li gharaf prezenti fl-awla . Qal li fuq il-post fuq il-kamra tat-toilets fejn il-playing field kien hemm CCTV camera u wara li irnexxilu jitkellem mas sindku tax Xewkija Pawlu Azzopardi gie mgharraf li dawk il-cameras CCTV ma jahdmux

**PC 75 Kevin George Saliba** xehed nhar is-16 ta' Lulju 2020 u kkonfemra li fit-3 ta Novembru, 2019 waqt li kien xoghol l-ghassa tal pulizija ir Rabat ircieva telefonata minn persuna maskili fejn dan stqarr li kiene qieghed mal-familja tighu go playing field ta-Xewkija u xi had dimolestalu it-tifla. Dak il-hin informa lill-iskwadra mobbli taghhom li marret ghall-allegat aggressur immedjatament u ahduh l-ghassa. Huwa tkellem mals-sinjuri Omissis u qalilhom biex imorru l-ghassa bix johdilhom rapport. Mistoqsi jekk tkellimx mal-minuri *Omissis* u qal li t-tifla kienet lesta li titkellem mighu minkejja li kien kuntitstabbli ragel. Hija bdeit tghidlu li wqt li kienet qed tilghab fil-playing field fuq il-bandla rat ragel jghamel gsti u anke pespsilha biex jigbdilha l-atttensjoni taghha. Waqt li marret hejja qallha ix tidhol fit-toilet tan-nisa . Hij adahlet hemmhekk u dan beda ibusha fuq ghonqa u wara qalet li qaltlu li dan ir-ragel talabha jeekk setax ibusha. Qaletl i beda jghannaqha u idejh marrt hdejn il-warrani taghha. Qallha jekk setax ibusha fuq suftejha u dak il-hin zgiccatlu u telqet ' 'l hemm. Hartget

[15] Fol. 74 tal-atti processwali

barra u marret hdejn il-genituri taghha u dawn mill-ewwel cemplu lill-pulizija. Huwa pprezenta l-okkorenza li geit markata bhala dok KGS1[16].

Il-**Psikjatra Dr Anton Grech** xehed nhar it-28 ta Novembru, 2019[17] u dan kkonfemra li kien ra lill-appellat fit-12 ta Novembru 2019 u ibbaza ir-rapport tieghu fuq in-notamenti li kien hemm l-isptar Qal il-appellat hwua kapaci isegwi u jaghti struzzjonijiet dwar akkuzi kotnrih u ghandu kapacita' mentali ta' intendere u volere. Pero' spejga li dan kellu severe head injury u ghalhekk jista' jkun hemm konsegwenzi psikologici jekk ikun hemm proceduri fil-konfront tieghu u dan ghaliex ikun suggett ghal stress. Din l-injury tieghu tista' tikkrejalu certu element ta' inhibition u cioe inqas kontroll fuqu nnifsu.

Rat ir-rapport mediku rrilaxxjat minn markat bhala dok AG1[18] u minn esami tal-istess jirrizulta li l-appellat kien involut f'incident f Novembru 2000 u kellu 'severe head injury'. Bhala konsegwenza ta dan l-incident huwa baqalu diffikolta fl-artikolazzjoi tal-kliem. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2006 kien qed jigi segwit fid-dipartiment tal-Psikjatrija minhabba konesegwenzi emozjonali ta' dan l-incident.

L-appellat **Richard Attard** ma xehdx pero' irrilaxja stqarrija a tempo vergine ta' l-invstigazzjonijiet. Spjega li huwa mgharuf bil-laqam il-We, huwa bniedem separat u ma jahdmix u li kien ilu ma jahdem ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Stqarr li ghandu zewg it-tfal ta' 22 u 20 sena pero dawn jghixu ma ommhom. Huwa ghix wahdu. Mistqis fejn kien aknahr fil-ghodu nhar it-3 ta Novembru 2019 jghid li kien hdejn il-bocci club tax-Xewkija. Qal li kien qed jara l-futball pero mistoqsi min kien qed jilghab ma jafx jghid biss li kienu tfal. Qal li kien ilu jara l-futball ghal madwar nofs siegha. Huwa jghix Ghajnsielem.

Qal li waqt li kien sejjer jara l-futball kien hemm tfjala li rraportatupro ma kienx jaf fuq xhiex. Qal li kul ma qallha kien bongu sinjorina u baq' sejjer 'l hemm. Mistoqsi jekk marx fit-toilet jghid li mar u dam hemm sakemm ghadda l-awrina fit-toilet tal-irgiel. Mistoqsi jekk dahalx fit-toilet tan-nia jghid li ma dahalx. Mistoqsijekk rax it-tifla diehla fittoilet tan-nisa jghid li ma rahiex. Jaf li meta qallha bonju sinjorina telqet 'l hemm.

[16] Fol. 07 tal-atti procsswali
[17] Fol. 45 t l-atti processwali
[18] Fol. 47 tal-atti processwali

Mistoqsi jekk tkellem ma om mit-tifla jghid li qallha likellu disapbilita. Ma jsuqx u issuq rota.

Wara li l-itqarrija giet sospiza ghal ftit ta hin ghaleix l-appellat ried ipejjep sigarett, il-proekuzzjoni rgghet staqtietu jekk it-tifla dahlitx fit-toilet tan-nisa u jghid li jghid li dahlet fit-tyoilet warajh u wara qaltlu li ser tmur ghaliex ommha kienet qed tistenniha. Jghid li kul ma ghamel kien li biesha fuq ghona u telqet 'l hemm. Kienet bewsa ta malajr jghid u nizzel idejgh fu il-warrani taghha bla ma qad jghafas. Jghid li la werzqet u lanqa ghatet u lanqas ma sforzaha, u lanqas fgrif ma wiccha ma kellha. Qal il kein speci ta kumpliment

Mistoqsi kemm ghadnha snin it-tifla jghid li jahseb li kellha xi sbatax-il sena Mistoqsi jek kahsib li setghet kienet izghar la raha fuq il-bandli igid li hi nizlet minn fuqhom u marret warajh. Jaf li maghha kien hemm zewwgt it tfal. Wara baqa' jaral-futbok u jahseb li marret tghid lill-ommha ghaix marret ommha fuqu u staqsietu x'kien ghamel u qallha li ma kienx kielha u ma kellhiex ghalfejn tghamel ghageb. Ommha imbuttatu u wara jaf li gew il-pulizija u qalulu li kien arrestat. Qalet li din il-bicca ma damitx iktar minn 30 sekonda. Qal il affarijeti kbar ma keinx hemm.

Ikkkunsidrat,

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti u ma jidhrux li kienu kontestati.

1. Illi nhar it-3 ta' Novembru, 2019 waqt li l-minuri ommisis kienet fuq l-bandli tax-Xewkija l-appellat sejhilha u talabha tmur fit-toilet tan-nisa.
2. Hija nizlet minn fuq il-bandla u segwiet lill-appellat ghal gol-kamra tal-banju.
3. Waqt li kien hemm dan qabad ibusha fuq ghonqa u mess il-warrani taghha.
4. Hija telqet tigri ' l barra u marret tghid lil ommha dak li ghaddiet minnu.
5. Ommha irrabjat hafna u kkonfrontat lill-appellat tant li imbuttatu.
6. Wara ftit waslu l-pulizija fuq il-post u l-appellat gie arrestat.

Illi ghalhekk l-agir tal-appellat kien wiehed fejn qabad u ta' bewsa lill-minuri ommissis li dakinhar kellha biss tlettax-il sena u dan fuq ghonqa. L-appellat qabad u pogga idejh minn fuq il-hwejjeg fuq il-warrani tal-minuri u dan kontra l-volonta'

taghha ghaliex meta talabha jekk setgahx ibusha qaltlu li le u telqet 'l barra apparti l-fatt li hija minorenni.

Din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk tali agir jaqax fil-parametri tal-**artikolu 207** tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-**artikolu 207** jiddisponi s-segwenti:-

> *Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delittii kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin*

Ghalhekk dak li trid tara l-Qorti jekk fl-ewwel lok kienx hemm *att ta' natura sesswali* li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew konsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta tal-persuna. F'dan il-kaz jirrizuta li l-ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellat mill-akkuza ta korruzzjoni ta minorenni.

Dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali tghallem li:

> *L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' –jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18altra persona contra la di lei volonta6. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato*[19].

F'dan ir-rigward dn il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**[20] :

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-*

[19] Pulizija vs Gerald Cassar Appell Kriminali deciza 18/07/1959
[20] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931

*reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* ***The Police v. Thomas Wiffen.***

F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista **Francesco Carfora,** li:

*"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremeo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di unha certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali'* [21]

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza li giet indikata lilha mill-prosekuzzjoni u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen**[22] li tghid:

*"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*

*Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases*

[21] Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967
[22] Deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996

*– taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taht certi cirkostanzi, li wiehed imiss il-warrani ta' tfajla u ibusha fuq ghoqa jista' jammonta ghal att ta' libidini. Fil-kaz ta' Wiffen, is-suggett attiv (missier il-minorenni) kien ta' spiss imiss is-sider ta' bintu taht it-tnax-il sena, kif ukoll xi min daqqiet il-partijiet privati taghha (pero` dejjem minn fuq il-hwejjeg) filwaqt li kien jghidilha biex thallih jaghmel hekk sabiex ikun jista' jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu. F'dak il-kaz din il-Qorti kienet minghajr l-icken ezitazzjoni sabet li kien hemm atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna. Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud1** [23]

*"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet – 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

L-istess jghid l-**Arabia**, fejn b'riferenza ghall-ghemil tas-suggett attiv f'reat simili, jindikah bhala '*ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli i libidine, perche` non han per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta*[24]*."*

Kif spjegat fis-sentenza **il-Pulizija vs Oglive Grima**[25] *"din id-definizzjoni ta' atti ta natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u*

---

[23] ol. XXXIX.iv.931
[24] 8 Principi del Diritto Penale, p. 344
[25] Deciza fit-20 ta Settembru, 2020

*psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha.*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta anke fuq ammissjoni tal-appellant stess li huwa qabad u bies lill-Ommissis darba barra f'post accessibli ghall-publiku f'latrina tan-nisa kontra l-volonta taghha. Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-*bacio violento* kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Spiro Silvio**[26].

**Carrara** fil-ktieb tieghu jghid hekk :

> "Vi fu violenza nell'atto ? Vi fu scopo di libidine ? Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico ? Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento ?[27] "

Issa fis-sentenza fuq imsemmija rrizulta li l-imputat kien qed jippassiggja hdejn l-Isptar Boffa, l-Floriana, meta f'hin minnhom ra tfajla ta' wiehed u ghoxrin sena. Mar fuqha u qalilha, "Miss fejn sejra ?" Hi ma rrispondithux . Imbaghad qabdilha idejha u reggha rrepeta dawk il-kliem. Din it-tfajla lliberat ruhha u bdiet tallonta ruhha tghaggel. Indunat li l-imputat kien qieghed jsegwiha. Sussegwentement, qalilha, "Miss stenna ftit !", lahaqha, qabadha minn dirghajha, dawwara sakemm gie wicc imb'wicc maghha, ghafasha mieghu u biesha fuq wiccha .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li jidher car li l-elementi li jikkostitwixxu l-ipotesi tal-ligi huma l-bewsa moghtija f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, hi vjolenti meta tigi moghtija f'cirkostanzi li juru mhux l-iskop ta' ingurja jew molestja imma l-

---

26

27 **Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410**

iskop ta' libidini, ghaliex minn dan tohrog l-impudicizzjoni tal-att ghas-sens morali tal-pubbliku.

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi sodisfatta li l-bewsa kienet vjolenti u li giet moghtija f'lok pubbliku, ghaliex inghatat fil-latrina tan-nisa u cioe f'post pubbliku, f'cirkostanzi li juru l-iskop libidinus tas-soggett attiv u kwindi l-kumpless tal-fatti ma jistghax ma jigix ritenut offensiv ghal pudur jew morali, ghax ma hiex haga xierqa li mara tigi sottoposta ghall-att vjolenti ta' passjoni libidinusa.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-atti kommessi mill-appellat u cioe li biesha fuq ghonqa u talli mess il-warrani taghha minn fuq il-hwejjeg jaqghu taht definizzjoni ta' atti impudici. Dwar in-nuqqas ta' volonta ta' *Omissis* ghal dawn l-atti impudici mwettqa mill-imputat, anke kieku il-Qorti ma hiex sodisfatta li *Omissis* uriet lill-appellat bl-ahjar mod li setghet li hi ma riditx dawn l-atti, fatt li jirrizulta biss mix-xhieda taghha jirrizulta li *Omissis* kien ghad kellha tlettax-il sena meta l-appellat biesha fuq ghonqa, u mess il-warrani taghha sahansitra anke staqsiha biex tmur warajh fit-toilet biex ikunu 'l boghod min nies huma indikattivi tal-inteesjoni libinuza tieghu minkejja li jghid li ghalih ma ghamel xejn hazin.

Illi ma hiex difiza ghall-appellat li jghid li ma kienx jaf l-eta tal-parte civile u li jghid u dan ghaliex l-appellat ghandu jkun jkun cert li fl-ebda hin ma jikkometti atti di libidine ma tfajla illum ta' inqas minn sbatax-il sena skond l-emendi tas-sena 2018. Illi tenut kont tan-nuqqas ta' volonta tal-vittma (stante li minuri) u ta'l-atti imwettqa mill-appellant u dan fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li sehh dan l-oltragg vjolenti ghall-pudur ta' *Omissis* u li konsegwentement l-imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Dwar il-piena pero din il-Qorit hadet in konsiderazzjoni dak li stqarr Dr Anton Grech fir-rigward tal-appellat, kif ukoll il-fedina penali tieghu li ghandha diversi reati registrati fuqha ghalkemm hafna minnhom kienu kontravenzjonali. Hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun lejn il-minimu taghha u dan minhabba in-natura tal-atti kommessi minnu

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fejn qeda tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel

akkuza u illliberatu minnha pero' qed tirrevokaha fir-rigwad ta' dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza u wara li rat l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issibu hati tat-tieni akkuza u qeda ghalhekk tpoggi lill-akkuzat taht ordni ta' probabtion ghall-perijodu ta' tlett snin m'illum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess Ordni annessa ma din is-sentenza.

Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.

Di piu' tordna li l-akkuzat ghandu wkoll jigi registrat skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta

*(ft)* Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appelli Kriminali**

**Imhallef**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur John Spiteri u Josef Gauci**

**V**

**RICHARD ATTARD**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 20 ta' Mejju 2021**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata RICHARD ATTARD bin Joseph u Speranza nee Galea, imwieled Ghajnielem Ghawdex nhar l-14 ta Novembru 1959 u residenti f'Ta' Maruzz, Triq il-Firilla, Ghajnisielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 64659G **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata ma tistax tattendi l-ebda play-ground jew lok fejn isisr il-loghob taz-zaghzagh.

6. Li tkompli ghadejja bil-kura psikjatrika taghha

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

…………………………..

**RICHARD ATTARD**

……………………………..

**Franklin Calleja**

**Deputat Registratur**